**Ruling mogħti mill-Ispeaker l-Onor. Anġlu Farrugia fis-Seduta 312 tas-17 ta' Frar 2025 dwar ilment ta' ksur ta' privileġġ imqajjem mill-Onor. Karol Aquilina**

Is-Sedja tagħmel referenza għal ilment imqajjem mill-Onor. Karol Aquilina fis-seduta 309 tal-11 ta' Frar 2025 dwar ksur ta' privileġġ fil-konfront tiegħu mill-Prim Ministru, l-Onor. Robert Abela, u nikkwota:

> "**ONOR. KAROL AQUILINA:** Sur President, nixtieq inressaq Ksur ta' Privileġġ kontra l-Prim Ministru. Il-Prim Ministru qed jallega li f'xi diskors li kien qed jagħmel l-Onor. Carmelo Abela ftit tal-jiem ilu jiena dħakt .... (Għajjat) Jiena niċħad bl-iktar mod kategoriku. Allura l-Prim Ministru qed jigdeb fil-konfront tiegħi meta qed jgħid li jiena dħakt. (Għajjat)"

Is-Sedja rat it-traskrizzjoni tas-seduta ta' dakinhar, u tinnota li l-ilment tal-Onor. Aquilina kien jikkonċerna l-parti tad-diskors tal-Prim Ministru li ser nikkwota:

> "**ONOR. ROBERT ABELA:** ... Insemmi lill-Onor. Carmelo Abela. Insemmi wkoll lis-Segretarju tal-Kabinett, Ryan Spagnol. Ftit tal-jiem ilu rajna episodju xokkanti f'din il-Kamra u nfakkar ftit x'kalunnja kienet saret fil-konfront tiegħu. Kalunnja minn dak li jien insejjaħlu l-prim giddieb ta' dan il-pajjiż, li qal li kien kompliċi f'hold-up kbir. Ma kienx hold-up żgħir, kien hold-up kbir, u qal li l-Onor. Carmelo Abela kien kompliċi fit-twettiq ta' dak il-hold-up. Tant kienet gidba kbira  għaliex permezz ta' qerq li jużaw qed joħolqu gidba tant kbira li jġegħelu lil dak li jkun kważi kważi jemminha. Snin wara l-Qorti tgħid li kienet gidba, kienet kalunnja, imbagħad l-Onor. Carmelo Abela jiġi f'din il-Kamra jirrakkonta t-tbatija li għaddiet minnha l-familja tiegħu, infaqa' jibki għaliex l-emozzjoni ta' snin tiġma' ġo fik b'dawk it-tensjonijiet tkissrek, u l-Onor. Karol Aquilina jidħak! Jiena nistaqsi: Dik hi l-ġustizzja li rridu naraw f'pajjiżna, li minflok tirrenja l-empatija u s-sewwa, tirrenja l-krudeltà? Jiġifieri aħna rridu nkunu pajjiż li jirbaħ min hu kapaċi jkisser l-iktar lin-nies jew min kapaċi joħloq l-iktar ġid lill-poplu tagħna?"

Is-Sedja tifhem li ż-żewġ Membri kienu qed jirreferu għal inċident li nqala' fil-Kamra fis-seduta tad-29 ta' Jannar 2025, fil-waqt li l-Onor. Carmelo Abela kien qed jagħmel id-diskors tiegħu dwar il-Mozzjoni għall-Emenda tal-Avviż Legali 177 tal-2024 dwar Kawżi Strateġiċi kontra l-Parteċipazzjoni Pubblika.

Fil-kunsiderazzjoni tagħha tal-ilment imqajjem mill-Onor. Karol Aquilina, is-Sedja nnotat mill-ewwel li l-ilment tqajjem fil-mument propizju skont l-Ordni Permanenti 36, u ċjoè mal-ewwel opportunità, li kien dak il-ħin stess.

Is-Sedja rat dak li tgħid l-Ordinanza dwar is-Setgħat u l-Privileġġi tal-Kamra tad-Deputati, Kap. 113, u nikkwota Artikolu 11(4) tagħha li jgħid illi:

> "Ikun reat kontra din l-Ordinanza:
>
> … (b) kull insult jew nuqqas ta' qima lill-persuna li tkun tippresjedi laqgħa tal-Kamra jew ta' xi kumitat tagħha u kull insult jew nuqqas ta' qima lil wieħed mill-Membri tal-Kamra,

> ukoll jekk dak il-Membru ma jkunx preżenti fil-waqt tal-insult jew tan-nuqqas ta' qima, meta fil-każ il-wieħed jew l-ieħor l-insult jew in-nuqqas ta' qima jsiru quddiem il-Kamra jew ta' xi kumitat tagħha waqt xi laqgħa tagħhom;"

Is-Sedja rat ukoll dak li jgħid l-Ordni Permanenti 60 u nikkwota:

> "60. Ebda membru ma għandu juża kliem offensiv jew mhux xieraq kontra l-karattru jew il-proċeduri tal-Kamra jew b'riferenza għal xi membru tagħha. Ebda intenzjoni ħażina ma għandha tiġi attribwita lil xi membru."

Is-Sedja tikkonstata li ma għandha ebda mezz sabiex tivverfika l-fatti kif ġraw waqt is-seduta tad-29 ta' Jannar, u dan peress illi skont il-linji gwida li jirregolaw ix-xandir ta' seduti parlamentari, il-camera kienet qiegħda fuq il-kelliem, l-Onor. Carmelo Abela, fil-waqt li hu kien għaddej bid-diskors tiegħu, għajr għal dawk il-ftit mumenti fejn is-Sedja intervjeniet waqt id-diskors. Is-Sedja għalhekk ma hix f'pożizzjoni li tikkonferma, jew tiċħad, l-ilment imqajjem mill-Onor. Karol Aquilina.

Minkejja dan, fl-aħħar seduti s-Sedja – anke diversament ippreseduta – kellha tiġbed l-attenzjoni diversi drabi għal imġiba mhux parlamentari waqt seduti, tant li kien hemm istanzi fejn is-seduta kellha tiġi sospiża minħabba diżordni. F'dan ir-rigward is-Sedja għal darb'oħra terġa' tiġbed l-attenzjoni għal dak li jgħid l-Erskine May fis-sezzjoni "General requirement for moderate language" u tikkwota:

> "Good temper and moderation are the characteristics of parliamentary language. Parliamentary language is never more desirable than when a Member is canvassing the opinions and conduct of their opponents in debate. The Speaker will accordingly intervene in such cases and will also intervene in respect of other abusive and insulting language of a nature likely to create disorder."

kif ukoll dak li jgħid dwar "Language and allegations in relation to other Members and Members of the House of Lords" u tikkwota:

> "The general requirements of moderation in parliamentary language, reflected above, are viewed as particularly important when Members are speaking of other Members, not because other Members require specific protection, but in order to preserve the character of parliamentary debate. Words which may be tolerated by the Chair in other circumstances may therefore be discouraged or required to be withdrawn as unparliamentary when used in connection with other Members; though, as already indicated, what is unparliamentary is subject to the context in which a word or phrase is used. Expressions that are unparliamentary when applied to individuals are not always so considered when applied to a whole party.".

Madankollu, is-Sedja tħossha fid-dmir li għal darb'oħra tikkundanna kull aġir u diskors li ma jagħmilx ġieħ lid-dinjità ta' din il-Kamra u tal-membri tagħha, ġej minn liema naħa ġej. Lil hinn minn dak li allegatament seta' għamel xi Membru ta' din il-Kamra, id-dibattitu f'din il-Kamra għandu jkun dejjem wieħed ċivili ħalli d-diskussjoni tkun tista' tkompli, u anke biex il-poplu jkun

jista’ jsegwi dak li jkun qed jingħad mir-rappreżentanti tiegħu f’din l-ogħla istituzzjoni, aktar u aktar issa li s-seduti huma mxandra wkoll b’mod viżiv.

Huwa appuntu dan l-iskop tal-Ordni Permanenti 60 ċitat aktar kmieni.

Filwaqt li s-Sedja ma tistax tilqa’ l-ilment imqajjem mill-Onor. Karol Aquilina, b’dan ir-ruling is-Sedja qiegħda għal darb’oħra twassal messaġġ b’saħħtu dwar il-bżonn ta’ mġiba u diskors xierqa, u għalhekk qed tqis dan ir-ruling bħala rimedju fih innifsu.